Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit.

Illum 10 ta' April 2018

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Busuttil)

Vs

Yanika Cuschieri

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Yanika Cuschieri ta' 22sena, bint George u Rosita nee' Galea imwielda fit-3 ta'Gunju 1995 gewwa l-Pieta u residenti Block L, Flat 4, Triq il-Laqxija, Birkirkara detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 238795{M}

Talli:

Gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer bejn l-20 ta' Settembru, 2017 u l-21 ta' Settembru, 2017;

1. Bil-hsieb li taghmel hsara lil Sage Gauci, akkuzatu quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li Sage Gauci huwa innocenti;
2. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;
3. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra Sage Gauci bil-hsieb li b'hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;
4. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkommettiet serq ta' ammont ta' flus kontanti, f'denominazzjonijiet ta' Euro, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-persuna, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u li sar ghad-dannu ta' Sage Gauci u / jew ta' xi persuna / i u / jew ta' xi entita' u / jew entitajiet ohra;

Ulterjorment il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezibiti

Rat l-atti kollha tal-kawza semghet lill-partijiet

Semghet ix-xhieda

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fis-6 ta Frar 2018 li giet ikkonfermata wara li l-imputata giet moghtija zmien xieraq sabiex tikkonsidera sew l-ammissjoni taghha u wara li l-Qorti wissietha bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni

Rat illi il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

Dwar il-piena , l-Qorti rat l-ammissjoni bikrija tal-imputata, rat li ma oggezzjonatx li tigi ritornata l-kontenut tad-dokumenti EF u EF 1 lill-*parte civili* seduta stante,rat il-fedina penali netta tal-imputata,

Ikkunsidrat

Wara li rat l-Artikoli 101,108,110,261,263,267,268, 271 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li semghet t-trattazzjoni tal-partijiet .

Fuq ammissjoni il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li tItqieghed tAHt ordni ta' Probation ghal sentejn ai termini tal-Artikolu7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta .

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-Imputata.

Dr Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit.

MAGISTRAT